**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 23 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Liam Borg**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Liam Borg detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0014205 L, fejn gie akkuzat talli nhar l-04 ta' Gunju, 2021 bejn il-hin tad- 09:00PM u l- 10:00PM gewwa r-Rabat, Malta;

1. Bil-hsieb li taghti n-nar lill- vettura ta' l-ghamla BMW 318 I SE, ta' lewn blu, bi pjanci ta' registrazzjoni bin-numri HBG053, liema pjanci huma iggaraxxjata u liema vettura hija propjeta' ta' nannuk Paul Borg, u liema vettura kienet ipparkjata gewwa garaxx fir-Rabat (Malta), u meta

hemm gew kien hemm ommok Emma Louise Gates u missierek Adrian Borg, jew jekk stajt tobsor li f'dak il-waqt hemm gew f'dan l-istess garaxx kien hemm xi persuna, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt peremezz ta' materjal fjammabbli, u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w'indipendenti mill-volonta' tieghek;

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu **Emma Louise Gates** u lil nannuh **Paul Borg;**

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat , inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Emma Louise Gates, Adrian Borg u Paul Borg u l-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Liam Borg** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Liam Borg** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjoniiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-22 ta’ Frar 2022 (ara *folio* 44) u l-kunsens (sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju) ta` l-imputat moghti fl-udjenza tallum stess.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi mid-depozizzjoni ta` l-ispettur Audrey Micallef irrizulta illi :

*Xhud : Mela fl-erbgha (4) ta’ Gunju tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ghall-habta tal-hdax ta’ billejl, is-Surgent PS583 mis-Sezzjoni tad-Domestic Violence kien ghadu kif avzani illi f’dak il-hin, il-Pulizija Distrettwali millGhassa tal-Hamrun, PS276 kien infurmah illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur taghhom kienu waslu ghall-arrest ta’ certu Liam Borg li huwa minorenni u li qieghed hawnhekk prezenti fl-Awla fejn kien allegattament, kellu kwistjoni malgenituri tieghu li huma Adrian Borg u Emma Louise Gates. Mill-ewwel informazzjoni li kellna kien illi Liam talab xi flus lill-genituri tieghu u fejn x’hin dawn ma tawh il-flus huwa heddidhom li kien ser iqabbad il-garage taghhom li jinsab fi Triq in-Nigret gewwa r-Rabat Malta. Kellna informazzjoni wkoll illi lmaterjal li kien xerred kien materjal flamabbli li aktarx kien petrol. Meta ittiehdet il-verzjoni tal-genituri ta’ Liam, dawn qalu illi l-ewwel beda argument firresidenza imsemmija ir-Rabat fejn hemmhekk prezenti fid-dar kien hemm ilgenituri ta’ Liam u zewg hutu iz-zghar l-ohra li huma t-tnejn minuri u kif ukoll kien hemm in-nannu ta’ Liam certu Paul Borg. Mela, minn hawnhekk l-omm qaltilna li beda, l-ewwel ried il-karozza li l-karozza tappartjeni u ssejjah lil*

*Paul Borg li jigi n-nannu tieghu. Issa din il-karozza hija tal-ghamla BMW318 ISE ta' lewn blue, numru ta' registrazzjoni HBG053, liema pjanci huma rregistrati u lkarozza kienet qed tintuza minn Liam fis-sens illi kienet bhal custom car u kien il-hobby tieghu, il-passatemp tieghu li joqghod jarmaha bhala d-delizzju tieghu. L-argument l-ewwel inqala' il-ghaliex ried il-karozza u beda jargumenta ma' nannuh illi beda jahseb illi jahbilu c-cwievet tal-karozza. Meta imbaghad rega' staqsa lil ommu ghall-ammont ta' erba' mitt (400) ewro, ommu cahdet milli ttihomlu u minn hemmhekk saret it-theddida illi hu ser jaqraq kull m'hemm. Qalulna wkoll illi f'hin minnhom, hu hareg barra mir-residenza, kien hemm quad bike, fejn hu dan il-quad bike qalbu biex b'hekk go jerrycan seta' jimla' il-petrol, il-fuel tal-petrol. Imbaghad minn hemmhekk, mar fil-garage li qieghed wara rresidenza ta' Triq in-Nigret, ir-Rabat u hemmhekk regghat saret it-theddida, din id-darba fil-konfront ta' missieru Adrian. Hemmhekk, il-missier iddecieda li jcempel lill-Pulizija tar-Rabat u fejn hemmhekk ukoll Adrian, hu stess qal li hareg xi fire extinguishers biex ikun jista' jiehu prekawzjoni ghal kull xi incident li seta' jigri. L-omm qaltilna wkoll, apparti li talabha il-flus kontanti f'erba' mitt (400) ewro, qaltilna wkoll b'din it-theddida li saret. Qaltilna illi kien xerred il-fuel, petrol fuq is-saqaf ta' din il-karozza li semmejt iktar kmieni u nnutat ukoll illi fuq il-hwejjeg tieghu kellu xi titjir minn dan il-fuel. Qaltilna wkoll illi ma kienx tefghu ghal tal-apposta fuqu pero' jista' jkun illi waqt li kien qieghed jitfghu fuq is-saqaf tal-karozza, b'konsegwenza tajjar xi taqtir fuqu. Minn hemmhekk, huwa qabbad sigarett u skond l-omm, huwa beda jiehu nifsijiet fil-fond quddiem din ilkarozza li fuqha kellha l-petrol fuqha. Minn hemmhekk l-omm qaltilna li cemplet il-112 u fejn hemmhekk hija talbet l-assistenza tal-Pulizija kif ukoll tas-CPD. Qaltilna wkoll li Liam kien xi drabi mehud mill-genituri tieghu ghand Psikjatra imma ma kienx diagnosed b'xi issues mentali pero' l-istess Psikjatra kien qal lil ommu u lil missieru illi Liam kellu demonstratedive behaviour and attitude issues. Issa minn hemmhekk,*

*Liam ittiehed gewwa l-Isptar Monte Karmeli fejn jiena imbaghad hemmhekk bqajt mat-tobba t'hemmhekk biex galadarba jigi rrilaxxat, jiena nkun nista' nkellmu u nohodlu statement f'dan ir-rigward. Meta huwa gie rrilaxxat, proprju fit-tlieta (3) ta' Lulju, l-istatement kien ittiehed imma wara li hu kien irrilaxxat, mhux ezatt dakinhar. Jiena kont hadtlu l-istatement filprezenza tas-Surgent 2018, PC2180 u l-Avukata Dr Annmarie Mangion fejn millmistoqsijiet kollha li staqsejtu, huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija u pero' dan l-istatement li qed nitkellem dwaru, huwa ghazel illi jiffirmah.*

*Qorti : Mela ha nurik l-atti tal-process, sewwa, ibda, kemm tikkonferma bil-gurament mill-ewwel pagna, kemm tghidilna daqsxejn x'inhuma u kemm tikkonfermahom bil-gurament biss.*

*Xhud : Mela fl-ewwel pagna hemm l-akkuzi li hrigt jiena stess.*

*Qorti : Li kkonfermajt diga bil-gurament?*

*Xhud : Iva.*

*Qorti : Ok.*

*Xhud : Mela, minn a fol 3 sa a fol 8, dak huwa il-Pearce Report li ddahhal minn naha tal-Pulizija. A fol 9 hemm il-fedina penali li hija wahda netta, talimputat. A fol 10 hemm ic-certifikat tat-twelid tal-imputat. Minn a fol 11 sa a fol 13 h ija r-rilaxx tal-istqarrija fejn fuq it-tliet pagni li huma, qed naghraf ilfirem tieghi, tas-Surgent, ta' PC2180 kif ukoll ta' Liam Borg u minn a fol 14*

*sa a fol 22 dawk huwa r-Risk Assessment illi ghalih qaghdu il-genituri ta' Liam Borg fejn irrizulta b'riskju baxx ta' hamsa (5), hames punti.*

*Qorti : Ghandek xi haga ohra x'izzid f'dan l-istadju?*

*Xhud : F'dan l-istadju le Sur Magistrat.*

*Qorti: Domanda in kontro ezami.*

*Difiza: Naqblu li Liam kien ikkopera mal-Pulizija?*

*Xhud : Iva naqblu, naqblu.*

Illi d-depozizzjoni ta` l-ispettur Micallef hija konfortata minn xhieda ohra li tressqu f'dan il-procediment. Bir-rizultanzi processwali, l-imputat gie passabbli ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba, bir-rizerva pero` illi fejn si tratta ta` l-ewwel imputazzjoni, din tirrizulta, bhala tentattiv (Art 41 Kap 9), biss skond dak dispost fl-Artikolu 316(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` sanzjoni l-Qorti qieset is-segwenti fattur rizultanti.

1. L-eta tenera ta` l-imputat fil-mument meta sehh l-incident mertu ta` din il-kawza (huwa propju kellu 16-il sena) u konsegwentement ghandu japplika d-dispost ta` l-Artikolu 37(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Is-serjeta` ta` l-imputazzjonijiet migjuba.

3. Izda fuq kollox is-*social inquiry report* ta` l-ufficjal tal-probation Gordon Grech, id-depozizzjoni tal-haddiema socjali Alexia Baldacchino u d-depozizzjoni tat-Tabib Psikjatra Dr. Nigel Camilleri. Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

A bazi ta` dan kollu, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat, huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fir-rapporti/depozizzjonijiet gia hawn fuq imsemmija, li l-imputat ghandu jinghata ordni ta' *probation* flimkien ma ordni ta` trattament, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu, kif ukoll Ordni ta' trattament. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi.

**Konkluzjoni.**

1. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 316(a)(b), 318, 533, 339(1)(d)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda s-sejbien tal-htija fl-ewwel akkuza hija biss skond l-Artikolu 316(b), u minflok piena, **tordna** li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

   Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

2. **Ordni skond l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

   Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeghda bil-prezenti taghmel Ordni ta` trattament fil-konfront tal-hati **Liam Borg** u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett (3) snin, li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat, skond il-pjan imfassal mill-professjonisti u skond id-direzzjonijiet tal-ufficju tal-probation;

   Il-Qorti fissret lil **Liam Borg** fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jikser l-ordni ta' trattament impost fuqu.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu

trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Liam Borg.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur